Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/633

27.3.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/633

## tal-24 ta' Marzu 2025

## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1698 ([2]), il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ("il-Ftehim") ġie ffirmat fis-7 ta' Ġunju 2024, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(2) L-għan tal-Ftehim huwa li jġib il-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn seba' Stati Membri u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.

(3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat.

(4) F'konformità mat-Trattati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel in-notifiki previsti fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ("il-Ftehim") ([3]) huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni għandha, f'isem l-Unjoni, tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha ([4]).

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Marzu 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. SIEKIERSKI

---

([1]) L-approvazzjoni tal-11 ta' Frar 2025 (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1698 tal-14 ta' Diċembru 2015 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (ĠU L, 2024/1698, 26.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1698/oj).
([3]) It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, 2024/1699, 26.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/1699/oj.
([4]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.